**184. L-Onor Evarist Bartolo ppropona:-**

Billi l-futur ta' l-eluf ta' tfal u żgħażagħ tagħna u ta' pajjiżna kollu kemm hu jiddependi mill-kwalita' ta' edukazzjoni li nipprovdulhom;

Billi huwa fl-interess komuni tagħna lkoll li naħdmu flimkien biex intejbu l-edukazzjoni ta' wliedna;

Billi l-għażla tar-rabtiet li għandu jkollu pajjiżna ma' l-Unjoni Ewropea hija materja ta' kontroversja politika u ta' natura partiġġjana;

Din il-Kamra tipproponi li:

Għandu jsir minn kollox biex din il-kontroversja titħalla barra mill-iskejjel;

U b'hekk tieqaf il-kampanja sistematika ta' indottrinazzjoni li għaddejja fl-iskejjel tagħna favur il-politika tal-Partit Nazzjonalista li jrid sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea.

Dan biex l-iskejjel jinżammu ħielsa mill-politika partiġġjana u jkunu jistgħu jaħdmu bis-serjeta' fuq dak li l-ġenituri kollha ta' pajjiżna jixtiequ u dak li ċ-ċittadini onesti qed iħallsu miljuni ta' liri f'taxxi għalih, jiġifieri li l-iskejjel irawmu lill-ġenerazzjonijiet li telgħin ta' Maltin u Għawdxin fil-ħiliet meħtieġa biex jipprovdulhom ħidma u għajxien tajba fis-seklu 21.

14.03.01